Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,253, 23 ta' Awwissu, 2019
Taqsima B

A.L. 213 tal-2019

ATT DWAR IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA (KAP. 188)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 24 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, il-President ta' Malta, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali u dawn ir-Regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali, hawnhekk aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 188.04.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-31 ta' Awwissu, 2019.

Iżid it-Tielet Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara it-Tieni Skeda tar-regolamenti prinċipali, għandha tiżdied it-Tielet Skeda ġdida li ġejja:

"It-Tielet Skeda
(Regolament 4)

DRITTIJIET

1. Id-drittijiet li ġejjin għandhom jitħallsu fuq kull applikazzjoni:

		Dritt pagabbli
(a)	Applikazzjoni għan-naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta taħt dawn ir-regolamenti	€1000
(b)	Ċertifikat ta' naturalizzazzjoni maħruġ taħt dawn ir-regolamenti	€50

2. Id-drittijiet stipulati f'din l-Iskeda fir-rigward ta' applikazzjonijiet u għotjiet ta' ċittadinanza taħt dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minkejja d-dispożizzjoni ta' kwalunkwe regolamenti oħra.".